**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit); M.A. (Melit).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Jannar, 2021**

**Talba Nru: 354/2019PM1**

**Joseph Vassallo (ID 29089(M))**

**V.**

**Kurt Vidal (ID 174691(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Novembru, 2019 permezz ta' liema l-attur talab li t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu is-somma ta' tlett elef, tmin mija u erbgha u tletin euro u wiehed u tmenin centezmi (€3834.81) rapprezentanti prezz ta' xogholijiet ta' moghdija u komunikazzjonijiet tal-elettriku, ilma u drenaggi bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-istess konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 29 ta' Novembru, 2019 permezz ta' liema l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Qabelxejn l-attur ghandu jgib prova ezawrjenti tal-kuntrattazzjoni tieghu mal-esponenti li fuqha qed isejjes il-pretensjoni tieghu fis-somma ta' €3834.81.
2. F'kull kaz, bla pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.
3. L-ammont mitlub mhuwiex dovut billi x-xogholijiet ezegwiti mill-attur ma sarux skont is-sengha u l-arti. Minhabba n-nuqqasijiet tal-attur, l-esponent kien kostrett jingaggja haddiema terzi biex ikomplu u jlestu x-xogholijiet mibdija mill-attur, u sabiex jirrangaw, jibdlu u/jew isewwu n-nuqqasijiet tax-xoghol ezegwit mill-attur.
4. In oltre`, l-esponenti sofra danni unikament bi htija tal-attur, billi nkorra l-ispejjez sabiex jigi rrangat, mibdul jew imsewwi x-xoghol ezegwit mill-attur, kif ser jigi spjegat fil-kontro-talba kontestwali.
5. F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont mitlub mill-attur mhuwiex gustifikat u mhuwiex dovut.

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-kontro-talba kontestwali tal-konvenut li permezz taghha talab, ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija u prevja dikjarazzjoni ta' responsabilita` ghad-danni sofferti, li dan it-Tribunal jikkundanna lill-attur ihallsu danni likwidati fis-somma ta' hamest elef euro (€5000) jew somma ohra verjuri.

Ra r-risposta ghall-kontro-talba li permezz taghha l-attur eccepixxa :

1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda, billi l-eccipjenti ma kkaguna ebda danni lill-konvenut.
2. Illi bla hsara ghall-premess, l-eccipjenti qed jirriserva li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta l-konvenut jippreciza l-ammont pretiz minnu u l-konsistenza tieghu u, fin-nuqqas li jaghmel dan, it-talbiet tieghu ghandhom ukoll jigu respinti.

   Bl-ispejjez

Sema' x-xhieda tal-partijiet u ra d-dokumenti ezebiti minnhom waqt is-seduta tat-3 ta' Frar, 2020.

Sema' wkoll ix-xhieda ta' Anthony Magro waqt is-seduta tal-25 ta'Gunju, 2020.

Sema' wkoll ix-xhieda ta' Kurt Vella u ra d-dokumenti ezebiti waqt is-seduta tal-25 ta' Settembru, 2020.

Sema' x-xhieda tal-attur u ra d-dokumenti ezebiti minnu u sema` wkoll ix-xhieda ta'Anthony Magro waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru, 2020.

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tal- 4 ta' Dicembru, 2020.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlas li huwa jippretendi li huwa dovut lilu ghal xoghol ikkommissjonat lilu mill-konvenut u liema appalt gie terminat minn dan tal-ahhar. Il-konvenut, filwaqt li wiegeb ghal tali talba, billi eccepixxa, li l-ammont reklamat mhux dovut, fost ragunijiet ohrajn, ghaliex ix-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti tant illi l-istess konvenut sofra danni billi inkarigaw lil terzi sabiex jaghmlu xoghol rimedjali, ressaq ukoll kontro-talba li, permezz taghha, talab il-hlas tad-danni sofferti minnu li kienu qed jigu limitati ghas-somma ta' hamest elef euro (€5000). Da parti tieghu, l-attur rikonvenzjonat eccepixxa, fost ohrajn, li huwa ma kkaguna ebda danni kif lamentat mill-konvenut.

Illi mill-provi prodotti irrizulta kjarament li r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet hija dik naxxenti minn appalt li permezz tieghu il-konvenut inkariga lill-attur sabiex iwettaq xogholijiet ta' *plumbing* u tal-eletttriku fil-fond tieghu. F'dan ir-rigward l-istess attur xehed li "*jiena lill-konvenut kelli naghmillu xogholijiet ta' dawl u ilma fil-post tieghu*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Frar, 2020). Hekk ukoll il-konvenut jikkonferma li l-ftehim gie milhuq bejn il-partijiet "*qabel ma bdew ix-xogholijiet kemm*

*fir-rigward tal-plumbing u kif ukoll fir-rigward tal-elettriku*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tas-16 t'Ottubru, 2020). In materja legali jinghad li, ai fini tal-konkluzjoni tal-kuntratt t'appalt, m'hijiex necessarjament mehtiega il-forma skritta (ara f'dan is-sens dak deciz mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz tas-sentenza taghha datata 29 ta' Mejju, 2003 fl-ismijiet **Victor Portelli v. Mark Psaila** b'referenza ghall-art. 1233(1) tal-**Kodici Civili**). Konsegwentement, in vista tal-provi unanimi f'dan ir-rigward l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u li permezz taghha eccepixxa li l-attur ghandu jgib prova ezawrjenti tal-kuntrattazzjoni tieghu mal-esponenti u li fuqha qed isejjes il-pretensjoni tieghu, timmerita li tigi michuda u dana ghaliex jinsab pruvat kjarament in-negozju konkluz bejn l-istess partijiet tramite x-xhieda taghhom stess.

Illi ulterjorment hija l-ligi stess li espressament tirregola r-rimedji disponibbli lill-partijiet rispettivi avut rigward ghar-raguni li twassal ghat-terminazzjoni tal-appalt. F'dan ir-rigward l-art. 1640 tal-**Kodici Civili** (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi testwalment illi:

*1640. (1) Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt,għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.*

*(2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.*

*(3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.*

*(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel mal-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun tax-xogħol kull eċċess li jirriżulta.*

*(5) Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti."*

Illi ghaldaqstant huwa proprju fid-dawl tas-surreferit illi t-talba attrici u l-kontro-talba tal-konvenut ghandhom jigu mistharrga u decizi. Jehtieg allura li qabelxejn jigi determinat jekk il-konvenut kienx gustifikat li jittermina l-appalt kif evidentement ghamel meta skont l-attur stess, talbu sabiex jiehu l-ghodda minn fuq il-post u ma jahdimx iktar (f'dan is-sens xhieda moghtija fit-3 ta' Frar, 2020). F'dan ir-rigward iz-zewg partijiet ressqu diversi xhieda, l-attur sabiex da parti tieghu jipprova jiccertifika l-bonta` tal-prestazzjoni lavorattiva tieghu u l-konvenut, sabiex min-naha tieghu, jipprova jiggustifika l-ghazla tieghu li jittermina l-appalt.

Da parti tieghu l-attur jikkontendi li l-konvenut ma rreferiex ghal xi difetti fix-xoghol tieghu imma jistqarr ukoll li "(w)*ara li gbarna l-ghodda jiena bdejt nisma' fuq l-argument tal-konvenut li kien hemm xi xoghol tal-plumbing da parti taghna li fil-fehma tieghu ma kinux saru tajbin, nghid li din jiena smajtha mill-partner tieghi Magro li mid-dehra kien qed jaghmel komunikazzjoni mieghu l-konvenut u kien infurmah li kien hemm xi xoghol li nstab li ma kienx tajjeb, fil-fatt iddikjara wkoll li kien hemm xi leakages*" (xhieda moghtija wkoll fit-3 ta' Frar, 2020). Da parti tieghu Magro jikkonferma li "*jiena sussegwentement kont ircevejt messagg minghand Kurt Vidal, hemmhekk hu beda jargumenta li x-xoghol taghna kien sar kollu hazin, fil-fatt kien hemm leakages fir-rigward tal-ilma u kien hemm ukoll partijiet mix-xoghol li kellhom jinqalghu*" (xhieda moghtija fil-25 ta' Gunju, 2020). Aktar minn hekk jirrizulta kjarament pruvat li x-xoghol prestat mill-attur kien difettuz anke minn dak li xehed Kurt Vella li f'dan ir-rigward irrefera ghal aspetti li, fil-fehma tieghu, huma pjuttost bazilari fis-sengha u li rrendew diversi aspetti tax-xoghol prestat mill-attur bhala wiehed mhux tajjeb bi "***<u>problemi ta' natura bazika fix-xoghol</u>***" (enfazi mizjuda - xhieda moghtija fil-25 ta' Settembru, 2020).

Jidher fil-fatt li, kif ammess mill-istess attur stess ("*Konna ftehma jiena u l-konvenut illi peress li jiena ma kellix esperjenza konsiderevoli f'dan il-qasam kont ser niccargjah ghas-servizzi tieghi nofs il-prezz u cioe` b'nofs ir-rati ta' dawn it-tip ta' servizzi li*

*jmorru fis-suq*" xhieda moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Frar, 2020), certu difetti kienu rizultat ta' nuqqas ta' esperjenza evidenti fix-xoghol fejn huwa jammetti li dahal ghal dan l-appalt pjuttost bhala dilettant. Madanakollu, f'dan ir-rigward jinsab deciz li, wara li jaccetta x-xoghol, l-appaltatur ma jistax jipprova jehles mill-obbligu tieghu li jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu in linea ma' dak rikjest u accettat minnu stess, billi jipprova jistrieh fuq il-ftehim milhuq ma' min tah ix-xoghol, inkluzi l-istruzzjonijiet moghtija jew in-nuqqas t'esperjenza accettata mill-appaltant:

> "*Bosta drabi gie ribadit mill-Qrati illi l-appaltatur ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer issir utilment u mhux b' mod li 'l quddiem juri difetti.* ***F' kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jwiegeb ghad-difetti li jigu ' quddiem" izda galadarba huwa accetta li jahdem ix-xoghol dejjem jibqa' obbligat u responsabbli li jaghti lill-appaltant opera sodisfacenti u spondet peritiam artis u hu obbligat jirrezisti kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent; u ghalhekk mhux legalment validu l-argument li x-xoghol ma sarx sewwa ghax hu ghamlu kif riedu l-kommittent****.[PA* ***Benny Camilleri v John Cuschieri****, Vol.XXV.I.727;Vol.XXVII.I.373 u Vol.XLII.I.517; App. Kum* ***Salvatore Guillaimier noe vs Anthony Borg Cardona*** *[1988] V ol.LXXII.II.439]; PA* ***Antonio Pisani vs Carmelo Debattista*** *[1958] Vol.XXIX.II.1003; App Kum.* ***Mario Blachman vs Carmelo Farrugia*** *[1972]*". (**Carmelo Francica et. v. Lawrence Buhagiar et.** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 t'April, 2004).

Konsegwenti ghas-surreferit huwa car li l-attur ma jistax ragjonevolment jipprova jehles mill-obbligi tieghu skont il-ligi li jiggarantixxi l-bonta` u l-utilita` tax-xoghol tieghu billi jirreferi ghal aspetti ohrajn, bhalma huma n-nuqqas ta' esperjenza evidenti tieghu, ir-rati aktar favorevoli li huwa qabel dwarhom mal-konvenut jew l-istruzzjonijiet li gew moghtija lilu mill-konvenut stess. Huwa car mix-xhieda ta' Kurt Vella li kien hemm diversi aspetti li kienu fondamentalment hziena fix-xoghol, tant illi diversi aspetti minnu gie rez minghajr ebda utilita` ghall-kommittent u li kienu jiggustifikaw it-

terminazzjoni tal-appalt da parti tal-konvenut. Skont il-kazistika hawn fuq citata kien jinkombi fuq l-attur li ma jaccettax mal-ewwel xoghol ta' tali portata - li evidentement kien imur ferm oltre l-kompetenzi limitati tieghu fis-sengha – u mhux li jaccetta tali kummissjoni – anke jekk b'rati sostanzjalment aktar baxxi minn dawk tas-suq – u jara wara kif jista' jipprova jikkompleta tali appalti bil-limitazzjonijiet evidenti li kellu.

Illi skont l-art. 1640(3) tal-**Kodici Civili** hawn fuq citat jinkombi issa fuq it-Tribunal li jiddetermina id-danni li allegatament sofra l-konvenut bhala konsegwenza diretta tax-xoghol hazin oltre l-ispejjez tal-attur u l-valur tax-xoghol tieghu mehud kont tal-utilita` tal-istess. Ai fini tal-art. 1640(4) jinghad li mill-provi irrizulta wkoll li sal-lum l-attur ghadu ma thallas xejn ghax-xoghol imwettaq minnu.

Illi permezz tax-xhieda tieghu moghtija minnu in subizzjoni fit-3 ta' Frar, 2020, il-konvenut kien stqarr kjarament li "*mistoqsi fir-rigward ta' liema aspetti minn dan il-kont jiena ma naqbilx mieghu u nghid li jiena naqbel ma' dan il-kont ghal kollox hlief fir-rigward ta' dawk l-aspetti li jirrigwardjaw il-plumbing*". Sussegwentement din il-verzjoni inbidlet drastikament meta waqt is-seduta tas-16 t'Ottubru, 2020 huwa xehed li:

> "*Nghid li jiena fis-seduti li ghaddew kont diga xhedt f'dawn il-proceduri u kont iddikjarajt li kont qed naqbel mal-kont ta' Joseph Vassallo hlief ghal dak li jirrigwarda l-plumbing. Qed nigi mistoqsi x'gara minn dakinhar l'hawn u nghid li meta gew l-electricians il-godda setghu jiddeterminaw li kien hemm faults ukoll fid-dawl li gie nstallat. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li jiena fir-rigward tax-xoghol tad-dawl lil Joseph Vassallo ma hallastux hallast lil min jiena nkarigajt sabiex jirrangali x-xoghol fil-post. Nghid li jiena nkun dispost li jiena nhallas ghax-xoghol tad-dawl purche jiena jitnaqqas minn dan l-ammont l-ispejjez li jiena nkorrejt sabiex tkun tista tissewwa l-hsara li rrizulta fid-dawl.*"

F'dan ir-rigward it-Tribunal isib li bejn Marzu u April tas-sena 2020 gie inkarigat Kurt Vella sabiex iwettaq xogholijiet ta' riparazzjoni u f'dan ir-rigward huwa iddetermina li anke fir-rigward tal-*points* tal-elettriku kien hemm problemi ghaliex dawn kellhom jiccaqalqu minn fejn saru (xhieda tal-istess Vella waqt is-seduta tal-25 ta' Settembru,

2020). F'dan ir-rigward l-istess xhud Vella jikkonferma li tali *points* gew stabiliti abbazi ta' pjanti:

> "*Nghid li fir-rigward tal-points tal-ilma kien hemm kwistjoni li niftakar li kienet tirrigwarda s-sink fejn dan il-point kellu jiccaqlaq madwar thirty centimeters, fir-rigward ad-dawl nghid li kien hemm points li kienu ser jigu mohbija bl-ghamara. Mistoqsi mit-Tribunal nghid jiena kif skoprejt b'dawn il-problemi fil-points nghid li jiena skoprejthom wara li tlabt lil Kurt Vidal pjanta tal-kcina u fuq mistoqsija tat-Tribunal ukoll nghid li ma nafx jekk il-persuna li hadmet qabli kellix dawn il-pjanti f'idejha. Nghid li fir-rigward tal-points kien hemm points tal-appliances li ma kinux jigu ezatt kif is-soltu jigu, kien hemm ukoll points li kienu jidhru li ahna kellna ncaqalqu. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li fir-rigward ta' dawn il-points li kellhom jiccaqalqu dawn il-points setghu kellhom jiccaqalqu jew minhabba li kienu gew maghmulin bi zball jew inkella minhabba li kienu gew ippjanati skont pjanta kompletament differenti minn dik li jiena kelli.*"

Min-naha l-ohra l-konvenut jghid li l-points tal-elettriku kienu tajbin imma kienet biss is-sistema li bih gie mghoddi d-dawl li kien wiehed hazin ("***<u>fir-rigward tad-dawl ghalkemm il-points kienu tajbin</u>*** *kien hemm problemi fir-rigward tal-moghdija. Nghid li d-dawl l-attur ghaddieh minflok ghaddieh minn point wiehed u firex beda juza sistema fejn jitla point point. Jiena ghalija li m'iniex bniedem tas-sengha x-xoghol kont nikkunsidrah tajjeb pero' meta gew persuni ohrajn li jiena nkarigajt f'dan ix-xoghol qaluli li dan kien xoghol hazin.*" Vella jikkonferma dan billi jixhed li: "*Nghid li sibna xi difetti konsistenti minn wires neqsin u anke meta bdejna nigbdu l-wires dawn il-wires bdew jehlu. Is-soltu dan huwa kkawzat jew minn bends hziena jew minn wires li jkunu nqalghu minn posthom. Meta gejna biex nippruvaw id-dawl sibna li effettivament kien hemm dawl li kien gie mghoddi minn ... korrezzjoni ... sibna li l-istess circuits kien hemm istanzi fejn kienu qeghdin jiehdu d-dawl minn consumer units differenti. Nghid li dan ma jsirx skont is-sengha peress li dan huwa ta' perikolu u lanqas is-salvavita ma thallik taghmel ix-xoghol b'dan il-mod. Kien hemm partijiet fejn in vista ta' dan kollu kelli nerga nghaddi l-wires, kien hemm ukoll xi pipijiet li jiena kelli nirranga.*" B'mod

partikolari jinghad li huwa l-istess Vella li, waqt ix-xhieda tieghu datata 25 ta' Settembru, 2020 huwa jistqarr li: "***<u>fir-rigward tad-dawl kwazi kollox kelli nnehhi, nghid li fil-fatt jiena nehhejt madwar sebghin fil-mija tax-xoghol li kien hemm u li kien sar qabel fl-istess post, dan dejjem bhala wiring tad-dawl.</u>***"

F'dan ir-rigward it-Tribunal isib li, fir-rigward tax-xogholijiet tal-elettriku elenkati fil-kont tieghu a fol. 25 tal-process, skont ix-xhieda tal-istess konvenut (fejn jinghad li l-points kienu tajbin) u skont ix-xhieda ta' Vella (minn fejn jirrizulta li almenu tletin fil-mija (30%) tax-xoghol ta' *wiring* maghmul mill-attur seta' kellu utilita` u fil-fatt ma tnehhiex), l-attur huwa intitolat li jithallas biss ghal-*light points* li lahqu gew maghmulha minnu tajjeb (i.e. 60% ta' € 360.75) u cioe` s-somma ta' **€216.45** u 30% ta' 60% tal-prezz moghti ghax-xoghol rimanenti (i.e. 30% ta' 60% ta' €955.47) u cioe` s-somma ta' **€171.98**.

Illi fir-rigward tal-bqija tax-xogholijiet tal-*plumbing, drain laying* u materjal, it-Tribunal jikkunsidra li Kurt Vella xehed ukoll li kien hemm problemi pjuttost serji kemm fil-mano d' opera u kif ukoll fil-materjal utilizzat:

> "*Nghid li fir-rigward ta' dawn iz-zewg ambjenti ma kienx hemm xoghol li fil-fehma tieghi kienet skont is-sengha. Meta nghid li kien hemm xoghol li ma kienx skont is-sengha nghid li per ezempju kien hemm qisien hziena tas-sink, drain imqeghdin bil-kontra u dik hija kwistjoni li tista twassal ghal iktar leaks, kien hemm partijiet fejn ma kienx hemm elbows kien hemm effettivament il-pipe li kien gie mghawweg, nghid li l-Acorn ma kienx gie 'slivjat', nghid ukoll li bhala plumbing il-materjal li kien gie wtillizat ma kienx materjal ta' kwalita' nghid li fil-fatt il-plumbing kien gej mic-China. Personalment nahdem bl-Acorn. Nghid li hu kien hadem b'Acorn pero' mhux bid-ditta proprja li hija Hep2o. Meta rajt hekk nehhejt il-plumbing kollu li kien sar, kien hemm fejn kellna nqattghu u cioe' naghmlu tqattih addizzjonali in vista tal-qisien hziena li semmejt, ghaddejna kollox gdid, ghamilna lpressure test. Nghid li kien hemm ukoll katusa tax-xita li kienet gholja aktar milli suppost u kellna nnaqsuha sabiex tkun tista twettaq il-funzjoni taghha. Nghid li kien hemm ilkatusa wkoll tad-drenagg illi ma kinitx imqabda sew u*

> *kienet ukoll dik il-parti li kienet hemmhekk taqleb ghal kontra.*" (xhieda moghtija fil- 25 ta' Settembru, 2020).

Madanakollu jibqa' l-fatt li matul dawn il-proceduri ma tressqitx prova li l-materjal difettuz kien effettivament dak mixtri mill-attur wisq anqas ma naghtat gustifikazzjoni tar-raguni pjuttost generika avvanzata minn Vella li materjal mic-Cina u regolarment mixtri minghand il-hwienet specjalizzati f'Malta m'huwiex materjal sufficjentement tajjeb. Il-fatt li Vella seta' jhossu aktar komdu illi jahdem b'materjal gdid tad-ditta msemmija minnu m'ghandux iwassal awtomatikament ghall-konkluzjoni li l-materjal mixtri mill-attur ma seta' kellu ebda utilita`, *multo magis* jekk wiehed jikkunsidra ir-ritratti ezebiti minn fol. 81 sa 83 li juru li l-materjal utilizzat mill-attur kien effettivament Hep2o. Saret allegazzjoni wkoll li certu materjal ma kienx tajjeb peress li mhux tajjeb sabiex ikun espost ghax-xemx. It-Tribunal hawn ukoll isib li tali allegazzjoni ma gietx sufficjentement imfissra u pruvata wisq anqas gie pruvat li tali materjal li gie mormi kien dak effettivament mixtri mill-attur. L-attur xehed li l-maggjor parti tal-materjal koncernanti pajpijiet inxtara mill-konvenut u fil-fatt, mill-fatturi ezebiti mill-attur, jirrizulta li l-materjal mixtri minnu kien jirrigwardja bosta drabi konnessjonijiet ta' plumbing bhala clips, tees, elbows, brackets. Konsegwentement it-Tribunal isib li ghall-materjal ta' plumbing provut mill-attur u avut rigward ghall-fatturi u ricevuti ezebiti minnu is-somma pruvata permezz tal-fatturi ezebiti minn fol. 28 sa 41 (ammontanti ghal **€965.08**) hija wkoll dovuta lilu.

Illi finalment fir-rigward tax-xoghol tal-*plumbing* u *drain laying*, tenut kont ghal darb'ohra x-xhieda ta' Kurt Vella hawn fuq riportata, it-Tribunal isib li, lilhinn mill-materjal provdut, il-problemi riskontrati minn Vella kienu ta' tali serjeta` li, kif stqar l-istess Vella, qabel ikompli bix-xoghol, "(kelli) *naqla u nbiddel kollox*" (xhieda moghtija minnu in kontro-ezami fil-25 ta' Settembru, 2020). Avut rigward ghal dan kollu it-Tribunal isib li certament tali xoghol ma jista' jigi ritenut li kellu ebda utilita` ghall-konvenut u konsegwentement l-attur m'huwiex intitolat li jithallas ghalih.

Ghalkemm fir-rigward tar-rati utilizzati ghax-xoghol tal-*plumbing*, jidher li kien hemm disgwid bejn il-partijiet ghaliex l-attur utilizza r-rati normali tieghu tax-xoghol li m'ghandu x'jaqsam xejn mal-appalt li gie inkarigat bih, la tressqet xi eccezzjoni f'tali

rigward mill-konvenut u lanqas ma tressqet mill-konvenut prova konklussiva tar-rati tas-suq li normalment jigu applikati f'dan il-kaz jew il-mod illi bih ir-rati li huwa haseb li ser jigu adoperati skont l-istima ezebita a fol. 26 tal-process kienu jvarjaw il-kont mahrug mill-attur u ezebit a fol. 25.

Konsegwentement, it-Tribunal isib li, avut rigward ghas-surreferit, l-attur huwa intitolat li jithallas is-somma globali ta' elf, tlett mija u tlieta u hamsin euro (**€1353.51**) ghax-xoghol u materjal utli supplit minnu.

Fir-rigward tal-kontro-talba ghandu jinghad li kwalunkwe danni rizultanti favur il-konvenut ghandhom ukoll jigu mnaqqsin mis-somma spettanti lill-attur ghax-xoghol tieghu, dana wkoll in linea ma' dak provdut taht l-art. 1640 (3) hawn fuq citat. Hekk ukoll jinsab deciz:

> "*Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)*) Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza **Pierre Darmanin vs Moira Agius et** deciza fis-6 ta' Ottubru 2004.

Illi permezz tal-kontro-talba tieghu il-konvenut ikkwantifika d-danni fis-somma generika ta' hamest elef euro (€5000). Sussegwentement gew prezentati il-kont tax-xoghol ta' Kurt Vella (Dok. KV1 a fol. 53) u l-kont dettaljat tal-istess Vella Dok. (KV3 a fol. 61 tal-process). F'dan ir-rigward il-konvenut immarka dawk l-elementi fuq dan l-ahhar dokument li huwa kien qed jikkunsidra bhala danni sofferti minnu. Dawn jinkludu t-testijiet imwettqin, it-tnehhija tax-xoghol hazin u wkoll ix-xoghol li gie maghmul mill-gdid. L-attur fisser ukoll ghalfejn huwa m'ghandux jigi ritenut responsabbli ghal dan kollu u dana matul ix-xhieda moghtija minnu fil-4 ta' Dicembru, 2020. It-Tribunal jaqbel mal-attur li gjaladarba ix-xoghol tad-dawl kien ghadu ma giex kompletat minnu, l-ispejjez ghat-testijiet li saru mhux necessarjament gew inkorsi bhala konsegwenza diretta tax-xoghol hazin tal-attur. Skont ix-xhieda tal-istess Kurt Vella fir-rigward tat-

testijiet "*ma stajtx naghmilhom kollha peress li ma kien hemm kollox installat per ezempju s-salvavita ma kinitx hemmhekk*" u kwindi certament li tali testijiet ma setghux isiru kollha fl-istadju li gie imwaqqaf l-appalt moghti mill-konvenut lill-attur sabiex jiddetermina l-bonta` tax-xoghol tal-istess attur. Huwa car allura li l-konvenut ma rnexxielux jipprova li l-ispejjez ghal tali testijiet gew inkorsi milnnu bhala konsegwenza diretta tax-xoghol hazin imwettaq mill-attur jew li l-attur ghandu necessarjament jigi ritenut responsabbli ghal tali spiza bhala dannu rekat lilu minnu, anke ghaliex is-serjeta` ta' certu difetti, kif fuq kollox ammess mill-istess Vella, kellhom ikunu minnufih u *ictu oculi* evidenti ghalih. Konsegwentement l-attur ghandu jigi ritenut responsabbli f'dan ir-rigward ghas-somma ta' tletin euro (**€30**) inkorsa ghall-*visual inspection test*.

Oltre s-surreferit il-konvenut qieghed jitlob ukoll li l-attur ihallsu diversi somom inkorsi minnu ghat-tnehhija tax-xoghol hazin imwettaq mill-attur u ghal xoghol indikat f'dokument KV3 a fol. 61 tal-process bhala '*re-done*'. Huwa kwindi car li, fl-ewwel lok, il-konvenut ma jistax ragjonevolment jippretendi li l-attur ihallas floku il-prezz shih tax-xoghol kollu rimanenti prestat lilu minn terzi appuntati minnu flok l-attur, *multo magis* jekk tali somom jirrigwardjaw aspetti ta' xoghol iehor mhux marbutin max-xoghol riparatorju u li gie imwettaq minn Vella flok l-attur. Inoltre, anke fir-rigward tas-somom surreferiti indikati bhala inkorsi ghal xoghol '*re-done*' il-konvenut baqa' ma pruvax kif tali somom ghandhom jigu ritenuti dovuti lilu mill-attur in linea ta' danni. Skont kif hawn fuq deciz it-Tribunal sab li kien hemm certament aspetti tax-xoghol tal-attur li seta' kellhom utilita` u kwindi il-hlas spettanti lill-attur qed jigi limitat, skont il-ligi, proprju ghal tali aspetti biss. Fir-rigward tal-bqija tax-xoghoijiet li saru minn Vella, anke jekk jigi koncess li l-konvenut hallas ghal xoghol sabiex isir mill-gdid ix-xoghol li suppost kellu jsir mill-attur, tali somma ma tistax ragjonevolment tigi ritenuta dannu li huwa necessarjament sofra bhala konsegwenza tal-inadempjenza tal-konvenut imma semplicement prezz imhallas minnu ghal xoghol prestat minn terzi in sostituzzjoni tal-attur sabiex ix-xoghol (oltre dak rez utilment mill-attur) jitkompla u jigi terminat. Fi kliem iehor, allura, il-prezz imhallas mill-konvenut lil terzi (u li kien ikun spettanti lill-attur li kieku dan wettaq ix-xoghol tieghu b'mod tajjeb u l-appalt ma giex terminat) ma jistax jigi kkunsidrat bhala dannu tenut kont li ma tikkostitwixxix *sic et simpliciter* xoghol **riparatorju** li gie rez necessarju minhabba x-xoghol hazin imwettaq mill-attur.

Huwa car, min-naha l-ohra li l-attur ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-fatt li, sabiex jissewwa x-xoghol hazin tieghu, tali xoghol kellu jinqala' bi spiza ulterjuri li giet sofferta mill-konvenut intortament. Kwindi l-attur ser jigi kkundannat ihallas lill-konvenut is-somma ta' **€420** (rapprezentanti *dismantling of wrong pipes*).

Illi konsegwentement ghas-surreferit it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' l-kontro-talba limitatament ghas-somma msemmija ta' **€450** (ossija €420 u €30).

Illi jekk wiehed inaqqas is-somma ta' €450 mis-somma ta' €1353.51, jigi li l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma bilancjali ta' disa' mija u tlett euros u wiehed u hamsin centezmi (**€903.51**).

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jichad ukoll il-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenut sakemm kompatibbli mas-surreferit u jilqaghhom ghall-bqija; fir-rigward tal-kontro-talba jichad l-ewwel eccezzjoni ukoll sakemm kompatibbli mas-surreferit, jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni, jilqa' l-kontro-talba limitatament fis-somma imsemmija ta' erba'mija u hamsin euro (€450), jilqa' wkoll it-talba fis-somma imsemmija ta' elf, tlett mija u tlieta u hamsin euro u wiehed u hamsin centezmi (€1353.51) u kwindi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma bilancjali ta' disa' mija u tlett euros u wiehed u hamsin centezmi (€903.51) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez jigu spartiti nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**